# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001**

**Numru 32**

**Citaz. numru 677/86 DS**

Bernard E. Sullivan u Alexander Zammit bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eurowear Clothing Industry Ltd.

vs

Emanuel Grech u Alfred German bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Medfreight Transport Ltd., u b'digriet tas-17 ta'

Ottubru 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem is-socjeta` Medfreight Transport Ltd.

Illum, 2 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Lulju 1986 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi s-socjeta attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta ggorrilha partita merkanzija konsistenti f'materjal u jeans ghall-ingilterra that il-kondizzjonijiet maghrufa bhala CMR Rules u dana skond kif jirrizulta mid-Dokument "A" hawn anness li huwa it-Transport Document.

Illi skond l-istess CMR Rules il-konvenuti nomine bhala "Carriers" huma responsabbli "for the total or partial loss of the goods……" U anke ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija waqt illi dina tkun fil-kontroll taghhom.

Illi il-konvenuti nomine naqqsu milli jikkonsenjaw il-merkanzija lid-destinatorju taghha il-ghaliex waqt illi l-istess merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kontroll taghhom fi trieqtha lejn l-Ingilterra, parti konsiderevoli minnha giet misruqa.

Illi bhala rizultat ta' inadempjenza da parti tal-konvenuti nomine is-socjeta' attrici soffriet danni konsiderevoli kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghall-liema danni il-konvenuti nomine huma unikament responsabbli.

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjarohom unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofrew l-atturi nomine fil-merkanzija taghhom meta dina kienet fil-kontroll attwali tal-konvenuti nomine u li allura kienu responsabbli ghalihom huma kif fuq intqal;

2. jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-atturi nomine; u

3. sussegwentement jigu kkundannati jhallsu lil-atturi nomine d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuti nomine ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

Illi preliminarjament, l-atturi nomine jridu jippruvaw li ghandhom interess legali li jaghmlu din il-kawza;

Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-serq tal-merkanzija allegat ma garax meta l-merkanzija kienet fil-pussess jew taht il-kontroll tal-eccipjenti;

B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Ottubru 1986 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Caruana Scicluna bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru 1989 li permezz tieghu l-imsemmi perit legali, fuq talba tieghu stess, gie ezentat mill-inkarigu tieghu u sostitwit minfloku l-Avukat Dottor Tonio Mallia;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-17 ta' Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob il-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti meta parti sostanzjali ta' merkanzija li hija nkarigat lis-socjeta` konvenuta ggorrilha sa l-Ingilterra nsterqet meta kienet l-Italja. Hija qed issostni li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni kawzati u ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghalihom.

**Provi**

Meta xehed l-attur **Bernard Sullivan**, huwa kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni kif ukoll ikkonferma t-*transport document* anness mac-citazzjoni bhala Dok. A, liema dokument huwa spjega li gie redatt fid-data ndikata fuqu, cioe` l-4 ta' Lulju 1985, u kien jirregola l-kondizzjonijiet tat-trasport bejn il-partijiet.

Huwa qal li l-merkanzija tghabbiet fuq it-*trailer* tas-socjeta` konvenuta fil-5 ta' Lulju 1985 fil-prezenza ta' ufficjal tad-Dwana li kkontrolla li l-merkanzija deskritta fl-istess dokument telghet u ssigilla l-istess *trailer*. Il-merkanzija giet trasportata taht is-*CMR Rules* u kienet destinata ghall-Ingilterra. It-*trailer* tghabba fuq il-vapur "Malta Express" fis-6 ta' Lulju 1985. Normalment, f'kazi simili, il-merkanzija ddum xi hamest ijiem biex tigi konsenjata l-Ingilterra. F'dan il-kaz, bejn gimgha u ghaxart ijiem wara li l-merkanzija kienet telqet minn Malta, billi cemplulu d-destinatarji biex jindagaw meta ser tasal il-merkanzija, huwa kkomunika ma' rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta u skopra minghandhom li l-merkanzija kienet ghadha Reggio Calabria, l-Italja, minhabba li s-socjeta` konvenuta kienet naqset milli tforni garanzija lill-*clearing agent* taghha. Sussegwentement giet skambjata korrispondenza izda s-socjeta` attrici baqghet bla soddisfazzjon. Wara hafna zmien inghatat il-garanzija necessarja sabiex it-*trailer* johrog mid-depost f'Reggio Calabria. Gara izda li meta d-*driver* ha t-*trailer* in konsenja u beda jsuqu, hassu hafif u mar lura fid-depost fejn intizen u nstab li kien 15,000 kilo ehfef milli kien. Ingab lura Malta fejn infetah fil-prezenza ta' diversi nies, fosthom ufficjali tad-Dwana, sabiex isir *survey*.

L-attur **Alexander Zammit** ikkonferma x-xiehda ta' Bernard Sullivan.

Ghas-socjeta` konvenuta xehed l-ewwel **Ronnie Galea** li qal li hu qatt ma kien direttur tas-socjeta` konvenuta izda direttur tas-socjeta` MMS Ltd li kellha ishma fis-socjeta` konvenuta. Pero` s-socjeta` konvenuta kienet qed tigi *managed* minnu u Francis Mizzi. Dwar l-incident in kwistjoni qal li l-merkanzija konsistenti f'*jeans* u *cotton denims* tghabbiet fuq *trailer*, proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, biex titwassal l-Ingilterra. Irrefera ghad-Dok. A a fol. 5 tal-process li kkonferma hemm il-firma tieghu fuqha ghas-socjeta` konvenuta u li l-ittri "CMR" fuqu kienu jindikaw li l-merkanzija kellha tigi trasportata *"by road"* u konsegwentement regolata bil-kondizzjonijiet tal-Konvenzjoni CMR, u koperta wkoll b'polza ta' assikurazzjoni mal-Melita Insurance Brokers.

Ix-xhud kompla jispjega li t-*trailer* tghabba fuq il-vapur "Malta Express" dirett ghal Reggio Calabria u telaq minn Malta ghall-habta tat-8 ta' Lulju 1985. It-*trailer* kien mghobbi *full load* u mimli minn *shipper* wiehed. F'Reggio Calabria ghandhom *clearing agent* (Foderaro) li jiehu hsieb imexxi d-dokumenti mad-Dwana Taljana kif ukoll sabiex jaghti l-garanzija mehtiega mal-awtoritajiet kompetenti f'kaz li t-*trailer* jew il-merkanzija tinsteraq jew tinbiegh waqt li tkun *in transit* fl-Italja. F'dan il-kaz it-*trailer* dam ma gie rilaxxat sa l-1 ta' Settembru 1985 peress li skond il-*clearing agent* taghhom, ma kellux kopertura sufficjenti fl-assikurazzjoni. Id-dirigenti tas-socjeta` attrici kienu jikkomunikaw maghhom kif ukoll ma' Foderaro biex isir dak kollu

mehtieg ghar-rilaxx tat-*trailer*. Meta fit-28 ta' Awissu 1985 ircevew *telex* minghand Foderaro li kien ottjena d-dokumenti kollha necessarji, baghtu *driver* (certu Alfred German) Reggio Calabria li gabar id-dokumenti minghand Foderaro biex jibda l-vjagg, izda meta d-*driver* beda jsuq it-*trailer* hassu hafif. Meta l-*clearing agent* Foderaro gie nfurmat b'dan, huwa waqqaf il-garanzija u baghat it-*trailer* lura Malta. Meta nfetah kien hemm prezenti wkoll rapprezentant ta' l-assigurazzjoni li kienet giet infurmata wkoll bil-fatt li t-*trailer* kien mizmum Reggio Calabria qabel ma gie skopert in-nuqqas.

Ghas-socjeta` konvenuta xehed ukoll **Francis Mizzi** li bazikament ikkonferma x-xiehda ta' Ronnie Galea u kkonferma li zamm kuntatt kontinwu ma' l-assikurazzjoni. Hu jaf li saru xi kuntatti anke ma' barra u gew skambjati ittri u telefonati fuq il-kaz.

Qabel xejn jinghad dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta ma' hemm l-ebda dubju mill-provi li tressqu li l-atturi nomine bhala l-esportaturi tal-merkanzija kellhom kull interess li jaghmlu din il-kawza, aktar u aktar stante li ma jirrizultax li huma kienu thallsu taghha.  Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra r-relazzjoni tal-perit gudizzjarju.

**Ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju**

Fir-relazzjoni tieghu l-perit gudizzjarju Dr. Tonio Mallia jsostni li fic-cirkostanzi rizultanti, l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha hi li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghan-nuqqasijiet li sofriet is-socjeta` attrici. Li rrizultaw nuqqasijiet huwa ampjament pruvat ghax, filwaqt li jirrizulta li t-*trailer* in kwistjoni telaq mimli minn Malta, jirrizulta li t-*trailer,* meta nfetah, instab b'hafna merkanzija nieqsa. Tul dan iz-zmien, it-*trailer* kien taht il-kontroll tas-socjeta` konvenuta u l-oggetti nsterqu meta dan it-*trailer* kien mizmum Reggio Calabria minhabba nuqqasijiet attribwibbli lis-socjeta` konvenuta u/jew l-agenti taghha. It-*trailer* infetah Malta ghax meta d-*driver* kien wasal biex jitlaq minn Reggio, induna li dan kien hafif, u kwindi ngab lura Malta, infetah fil-prezenza ta' ufficjali tad-Dwana u nstab aktar minn nofsu vojt.

L-abbli relatur kompla hekk:

"10. Id-ditta konvenuta tipprova titfa' t-tort fuq il-"Clearing Agent" taghha f'Reggio, izda dan kien agent tal-istess ditta konvenuta u jekk dan ghandu xi tort huwa attribwibbli lid-ditta konvenuta ma' min id-ditta attrici kkontrattat. Ir-responsabilta' personali tal-"Clearing Agent" hija, occorrendo, kwistjoni interna bejnu u d-ditta konvenuta izda, fil-konfront tad-ditta attrici, d-ditta konvenuta m'onoratx il-kuntratt u, kwindi, hi responsabbli. Hu risaput li t-tort tat-terz li jkun imqabbad mid-debitur tal-obbligazzjoni huwa tort tal-istess debitur, ghax it-terz jezonera

lid-debitur meta jkun indipendenti mill-obbligazzjoni u mhux mqabbad minn jew agent tad-debitur [ara "Farrugia vs Attard noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 1998].

11. Lanqas ma jista' jinghad li serq minn terza persuna hija haga mhux fil-kontroll tad-debitur. Il-kuntratt in kwistjoni kien regolat mis-CMR Convention, cioe', il-Convention on the Contract for International Carriage of Goods by Road u, skond l-Artikolu 17.2 ta' din il-Konvenzjoni, t-trasportatur ma jkunx responsabbli ghan-nuqqas jekk dan jigri "*through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*" Kif ighid l-awtur Malcolm Clarke fil-ktieb tieghu "International Carriage of Goods by Road: CMR", pagna 78, *"What the carrier must show is more akin to the plea of impossibility of performance of contract which involves an event which renders the contract not merely more onorous but completely impossible of performance. Writers on the CMR are agreed that the event must be one which literally could not be avoided by the carrier."* F'dan il-kaz ma jirrizultax li kienu jezistu cirkostanzi, indipendenti mill-volonta' tad-debitur, li jaghmlu l-obbligazzjoni "impossible of performance". It-trailer wehel Reggio tort tad-ditta konvenuta u kieku din u/jew l-agenti

taghha kellhom id-dokumenti "in order", it-trailer ma kienx jithalla granet shah f'post wiehed jistenna "clearance'. Lanqas ma jirrizulta li d-ditta konvenuta, tul iz-zmien li t-trailer kien mizmum Reggio, hadet xi passi biex tipprotegi t-trailer. Dan il-kaz jixbah il-kaz deciz mill-Qorti Ta' Antwerp, Belgju, fit-30 ta' Mejju 1979, u kwotat fil-ktieb fuq imsemmi ta' Malcolm Clarke. F'dan il-kaz, kif jikkwotah l-imsemmi awtur, *"The lorry, which was awaiting clearance by the customs officials at Chiasso, was parked on a Saturday night in the place for such lorries. Over the weekend, while the driver was in Turin and the lorry unguarded, its load of cigaretttes was stolen. Taking the view that the presence of the driver at the park over the weekend would have prevented the theft, the Court held the carriers's plea unavoidable circumstances was unsuccessful."* Kaz iehor li jsemmi l-istess awtur kien gie deciz mill-Qorti tal-Bruxxel fit-22 ta' Gunju 1973. *" During transport from Munich to Brussels 55 cartons of electronic flashguns disappeared. The carrier, alleging that the lorry had been broken into and the goods stolen, pleaded that the loss had occurred through unavoidable circumstances.* The Tribunal rejected this defence." Fid-dawl ta' din id-duttrina u kif svolgew ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-esponenti huwa tal-opinjoni li r-responsabilita' ghan-nuqqasijiet in kwistjoni ghandha tigi

adebitata lis-socjeta’ konvenuta. Il-fatt li, f’Reggio, t-trailer kien taht il-kontroll u l-ghassa ta’ ufficjali tad-Dwana Taljani, ma jezonerax lid-ditta konvenuta tiehu dawk il-passi kollha mehtiega biex tipprotegi l-merkanzija li kien hemm f’dan it-trailer partikolari (u mhux billi tqieghed anti-burglar device mal-fifth wheel!) specjalment meta t-trailer kien mizmum f’Reggio tort tad-ditta konvenuta u /jew l-agenti taghha.

Jinghad l-ewwelnett li hadd mill-partijiet ma kkontesta l-konkluzjonijiet tal-perit gudizzjarju. Issa wara li l-Qorti ezaminat ix-xiehda u d-diversi dokumenti li gew esebiti, senjatament dawk esebiti minn Bernard Sullivan u Francis Mizzi, issib li l-perit gudizzjarju fil-fatt ghamel apprezzament korrett tal-provi u tal-ligi u ghalhekk tikkondividi pjenament il-konkluzjoni raggunta minnu u ghar-ragunijiet minnu moghtija u li taghmel taghha, li r-responsabbilta` ghan-nuqqasijiet sofferti mis-socjeta` attrici ghandha tigi merfugha mis-socjeta` konvenuta”.

**Likwidazzjoni tad-danni**

Is-socjeta` attrici kkommissjonat *survey report*, li kopja taghha giet esebita minn Bernard Sullivan, u li tindika l-valur tan-nuqqasijiet fl-ammont ta' Stg£144,533. Dwar l-ammont ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni u ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fl-ammont imsemmi li huwa ekwivalenti ghal Lm93,060.97 skond ir-rata medja fil-31 ta' Jannar 2001 (1.5531). Stante li bejn il-partijiet operaw ir-regolamenti tas-CMR Convention, l-imghax jigi komputat skond l-art. 27.1 ta' l-istess Konvenzjoni bil-5% mid-data ta' meta saret *claim* bil-miktub, u cioe` f'dal-kaz mit-30 ta' Awissu 1985.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha li sofrew l-atturi nomine fil-merkanzija taghhom meta din kienet fil-kontroll attwali ta' l-istess socjeta` konvenuta,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm93,060.97,
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata ta' Lm93,060.97 bl-imghax ta' 5% mit-30 ta' Awissu 1985.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur`

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur